MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Numru 768/1998

Il-Pulizija
(Spettur Noel Cutajar)
(Spettur Mario Bonello)
vs
Michael Angelo Pace

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Michael Angelo Pace, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 331171(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat:

Talli f'dawn il-gzejjer nhar it-22 ta' Dicembru 1998 u fix-xhur ta' qabel b'xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt kien gie ippreparat jew ikkunsmat, b'dan li l-awtur jew awturi tal-istess delitt ikkommettew serq ta' aktar minn hamsin elf lira Maltija fi flus lokali mill-vettura tal-"Group 4 Securitas" bin-numru tar-registrazzjoni GAB-513, liema serq li huwa

ikkwalifikat bil-vjolenza, hin, mezz, persuna, valur, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-detriment tal-kumpanija “Group 4 Securitas”, diversi ditti, kumpaniji u persuni ohra;

Talli meta l-awtur jew awturi, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jikkommettu delitt ta’ serq, kellhom fuq il-persuna taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Talli nhar it-22 ta’ Dicembru 1998, f’dawn il-gzejjer halef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li  jkollu s-setgha bil-Ligi li jaghti il-gurament;

Talli fl-istess data, u cirkostanzi, f’dawn il-gzejjer ghall-habta tal-5.30 ta’ filghaxija, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza ikunu jistghu ‘il quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, iddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-7 ta’ Mejju, 2001 illi permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
(a) Fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(d)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 268, 270, 276, 277, 278, 281, 279(2), 280, 108, 110(1), 110(2), 17(b), 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 19, 26 u 27 tal-Kap. 66 u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tas-27 ta’ Frar, 2003;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat kif fuq imsemmi, issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tas-7 ta’ Mejju, 2001;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-22 ta’ Dicembru tal-1998 il-pulizija gew infurmati illi ghall-habta tal-5.15p.m. f’Albert Town il-Marsa kien sehh hold up fuq van tas-‘security’ tal-Group 4. L-Ispettur Noel Cutajar kien nizel hemm hekk flimkien mas-Supretendent Manuel Cassar u kien sab il-van in kwistjoni ipparkjat quddiem Pisani Cold Stores, il-Marsa. L-Ispettur Cutajar kien gie infurmat illi z-zewg persuni li kienu fil-van kienu impjegati mal-Group 4 u li kienu qeghdin fil-Pisani Cold Stores u effettivament l-Ispettur Cutajar kellem lill-imputat fuq imsemmi hemm hekk. L-imputat fuq imsemmi kien qal lill-Ispettur Cutajar illi huwa kien jinstab taht stat ta’ xokk u biza minhabba dak illi kien gara, pero’ irrifjuta li jigi ezaminat minn tabib. L-imputat kien qal lil Ispettur Cutajar illi ghall-habta tal-5.05p.m. kienu waslu hdejn Pisani Cold Stores hu u siehbu Kenneth Poulson u kellhom jigbru minn hemm hekk il-boroz tal-flus. Huwa qal lill-Ispettur illi kienu ghamlu l-procedura ta’ ‘dummy run’ li kienet tikkonsisti filli jidhlu fl-istabbilment minn fejn ikunu ser jigbru l-flus jaghmlu borza vojta sabiex din isservi bhala ‘decoy’. L-imputat qal lill-Ispettur illi Kenneth kien fil-Pisani Cold Stores u huwa kien irceva messagg fuq ir-‘radio’ minghand il-Control Room tal-Group 4 sabiex jghidilhom fejn kien qieghed. Kien irceva messagg iehor fejn kien gie infurmat biex izjed tard kellu jghaddi ghand Pisani Cold Stores. L-imputat qal lill-pulizija li waqt li kien jitkellem bir-

'radio' huwa ra dahna gejja minn naha ta' wara tal-van u cioe' mill-'strong room' tal-van u meta ra hekk ghalaq l-isliding door li jaghti access mill-gabina ghal go l-'strong room' tal-van u beda jghajjat ghall-ghajjut u jghid il-kelma 'hold up, hold up'. L-imputat qal lill-Ispettur Cutajar li kien innota persuna ta' statura twila b'xi haga f'idejha vicin il-'hatch' tal-istess van u ra li kien hemm zewg saqajh dehlin u hergin mill-istess 'hatch' tal-van. L-imputat kompla jghid lill-Ispettur Cutajar li meta ra hekk huwa tbaxxa u fetah il-'hatch' li ghandhom fil-gabina fejn hemm ix-xufier u hareg minn din l-'emergency hatch' biex b'hekk spicca taht il-van u qaghad jistenna hemm hekk lil siehbu Kenneth johrog minn Pisani Cold Stores. Huwa qal ukoll lill-pulizija li kien ipprova jikkommunika ma Kenneth biex dan ma johrogx mill-ufficju ta' Pisani Cold Stores minhabba l-allegat 'hold up' u qal ukoll lill-pulizija li huwa wara kien mar f'garage faccata ta' Pisani Cold Stores u dana wara li spicca l-allegat 'hold up'. L-Ispettur Cutajar xehed li waqt li kien qieghed ikellem lill-imputat induna li l-imputat kien liebes l-uniformi tal-Group 4, kellu qmis bajda u l-Ispettur Cutajar innota li din il-qmis ma kellha l-ebda tracci ta' trab, jew hmieg li jindika li Michael Pace l-imputat kien hareg mill-'emergency hatch' u spicca jitkaxkar mal-art biex johrog minn taht il-van. L-Ispettur Cutajar kompla jixhed li aktar tard wasal l-Ispettur Mario Bonnello u l-Assistent Kummissarju John Rizzo u quddiem is-Sur John Rizzo l-imputat rega' irrepeta din il-verzjoni. L-imputat ma siehbu Kenneth ittiehdu is-CID ghal aktar investigazzjoni.

Illi sussegwentement l-imputat biddel il-verzjoni li kien ta lill-Ispettur Cutajar meta gie mitkellem mill-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti l-Perit Richard Aquilina u dan fir-rigward ta' kif kien hareg mill-van ghaliex din id-darba quddiem il-Perit Aquilina l-imputat xehed illi huwa kien ipprova johrog mill-'emergency hatch' tal-van, pero' minhabba li l-van kien ipparkjat fuq bankina id-distanza bejn il-'hatch' u l-bankina kienet dejqa u ra li ma kienx ser jghaddi u ghalhekk l-imputat quddiem il-Perit Aquilina xehed illi huwa kien hareg mill-van minn gewwa l-bieba tal-van. Mistoqsi jispjega din id-diskrepanza l-imputat kien xehed illi qieghed jithawwad minhabba li kien fi stat ta' xokk. L-imputat kien rega' semma l-fatt li kien ra d-

duhhan hiereg u haseb li kienet il-batterija tal-van u ghalhekk gie mistoqsi ghalfejn la darba haseb li kienet il-batterija tal-van, haseb ukoll li kien 'hold up' l-imputat wiegeb illi kien haseb li xi hadd kien tefalu xi haga u immagina li kien hemm bomba. L-imputat gie mizmum is-CID u l-ghada ittiehed l-Ufficju tal-Assistent Kummissarju John Rizzo u fil-prezenza tal-Ispettur Cutajar u tas-Supretendent Manuel Cassar l-imputat qalilhom illi xtaq jghid ezattament u verament dak illi kien gara u fil-fatt irrilaxxja stqarrija fejn ammetta illi huwa kien gie avvicinat zmien qabel minn persuna meta kien qed jiehu café ghand Elia il-Hamrun. Din il-persuna kienet Victor Calleja, maghruf bhala ic-Cippy u Calleja kien staqsa lill-imputat fejn kien jahdem, jekk ghadux jahdem mal-Group 4 u meta hargu mill-kafeterija ic-Cippy hadu dawra u qaghad jistaqsih it-tip u n-natura tax-xoghol tieghu. Huwa qaghad jispjegalu ukoll dwar certu 'hold ups' li kienu isiru mill-van tal-Group 4 u qal lill-imputat li xtaq jerga jiltaqa mieghu u jkellmu aktar fid-dettal dwar dawn il-'pick ups'. L-imputat qal fl-isqarrija tieghu illi c-Cippy kien staqsih liema kienet l-ahjar pick up li seta' jaghtih 'hold up' fuqha u l-imputat kien rega' iltaqa ma dan Victor Calleja f'garage f'Santa Venera u l-imputat kien wera lil Victor Calleja il-van tal-Group 4 b'numru ta' registrazzjoni GAB-513 illi kellu jkun ghad-disposizzjoni tal-imputat ghal zmien gimgha. L-imputat qal lill-pulizija illi huwa kien wera lic-Cippy il-'hatch' tan-naha tax-xellug tal-van u urih kemm kien facli tiftah il-'hatch' minn naha ta' wara tal-van, kemm iddahhal idejk u ittella l-'hatch' 'il fuq. Pace qal lill-pulizija li Victor Calleja dahhal rasu fil-'hatch' biex ikun jista jara kif inhi maghmula l-'strong room' tal-van. L-imputat ammetta mal-pulizija illi kien hu stess li cempel lil Victor Calleja biex ifehmu illi kellhom jiltaqghu ma persuni ohra li kellhom fil-fatt jidhlu f'dan il-'hatch' tal-van u effettivament fl-20 ta' Dicembru, 1998 l-imputat iltaqa f'dan il-garage tal-Group 4 f'Santa Venera f'xi 9.00p.m. ma Victor Calleja. Victor Calleja talab lill-imputat jitfi d-dawl u meta l-imputat tefa d-dawl innota zewg persuni ohrajn dehlin fil-garage, jilbsu l-balaklava huma u dehlin. Dawn il-persuni kienu lebsin ingwanti wkoll u l-imputat staqsa lil Calleja ghalfejn kien gab lil dawn iz-zewg persuni mieghu u Calleja kien wiegbu li kien importanti li dawn it-tnejn ikunu prezenti biex jaraw

ezattament dak li jkun qieghed jigri. L-imputat kompla jghid lill-pulizija li wera l-van GAB 513 lil dawn in-nies u din id-darba kienu dawk iz-zewg persuni lebsin il-balaklava li fethu l-'hatch' u accedew fil-van. Victor Calleja u z-zewg persuni mhux maghrufa u l-imputat ftehmu illi l-'hold up' kellu jsir fil-21 ta' Dicembru 1998 u l-imputat qal lil Calleja u lil dan iz-zewg persuni l-ohrajn illi ghall-habta tal-hamsa u nofs jew il-hamsa u hamsa huwa kellu imur ghand Valhmor Borg, il-Marsa. Fil-fatt il-van l-ghada wasal xi hames minuti tard ghall-'pick up' u allura ma sar xejn u l-imputat kien cempel lil Victor Calleja li qallu biex imur fil-garage adjacenti mar-residenza ta' Victor Calleja il-Hamrun. Calleja talab lill-imputat jidhol gewwa fil-garage u hemm hekk l-imputat ra zewg persuni mghamda li kellmuh u staqsewh ghalfejn dakinhar kien wasal tard ghall-'pick up' ghand Valhmor Borg. L-imputat qal lill-pulizija li Victor Calleja kellu xi appuntament u ghalhekk hareg mill-garage u ghalhekk sar ftehim bejn l-imputat u z-zewg persuni mghamda illi l-attentat tal-'hold up' kellu jsir l-ghada 22 ta' Dicembru, 1998. L-imputat qal ukoll lill-pulizija li waqt li kien qieghed jiftehem ma dawn iz-zewg persuni mghammda hu kien ghamel kundizzjoni illi ma kellu iwegga hadd fuq il-post. L-imputat umbaghad hareg mill-garage sabiex imur id-dar tieghu u innota li hdejn il-garage tal-Hamrun, hdejn ir-residenza ta' Victor Calleja li kien hemm Ford Fiesta hamra ipparkjata u innota li din kienet l-istess vettura li kien ra ipparkjata hdejn il-garage taghhom tal-Group 4 f'Santa Venera, meta fil-fatt kienu qeghdin jaghmlu il-provi ghall-attentat tal-'hold up'. L-imputat kien qaghad hemm hekk u jara jekk jarax dehlin fl-istess vettura dawn iz-zewg persuni mghamda. Effettivament fit-22 ta' Dicembru, 1998 ghall-habta tal-hamsa u hamsa l-imputat wasal bil-van tieghu hdejn il-Pisani Cold Stores, saret is-soltu dawra, is-security procedure li juzaw tal-Group 4. Il-flus kollha li kienu ingabbru kienu diga lesti f'borza wahda, kemm dawn koncernati d-'dummy bag' u fil-fatt il-borza innifisha. Din kienet parti mill-procedura addotta mill-Group 4. Meta waslu hdejn il-Pisani Cold Stores l-imputat kellu kuntatt mal-Control Room tal-Group 4 biex jaghti l-posizzjoni tieghu u hemm hekk qalu lill-imputat li kellu jghaddi ghall-flus il-Pisani Cold Stores nofs siegha aktar tard. Dan kollu

gie fil-fatt ikkonfermat minn Kenneth sieheb l-imputat. L-imputat kompla jghid lill-pulizija li waqt li kien qieghed jitkellem ghat-tieni darba mal-‘Control Room’ tal-Group 4 ra dahna fis-‘security cabin’ tal-van. Hu kien fil-gabina ta’ quddiem tax-xuffier, qala c-cavetta li kienet taqta’ l-elettriku kollu tal-van u sema bhal hoss ta’ xi bieba tinghalaq jew tinfetah. Ir-reazzjoni tieghu kienet illi ghalaq l-isliding door illi jissepara s-‘security’, l-istrong room tal-van minn mal-kabina tax-xuffier tal-van. L-imputat kien innota li kien hemm persuna mghamda vicin il-van, kif ukoll persuna ohra mghamda li kienet diehla jew hierga mill-‘hatch’ tal-van. Hawn hekk huwa beda jghajjat ghall-ghajjut u jghid, “Hold up”. Dak il-hin ma kellux risposta minn naha tal-‘Control Room’. Umbaghad huwa hareg mill-van u iltaqa ma Kenneth hdejn il-Pisani Cold Stores. Kenneth kien ukoll qal lill-pulizija illi huwa kien ra zewg persuni mghamda u li wiehed minnhom kellu oggett f’idejh li kien qisu senter. Kenneth qal ukoll lill-pulizija li ra lil dawn iz-zewg persuni sejrin fid-direzzjoni tal-van u fil-fatt rahom dehlin fil-van u telqu bih. L-imputat qal lill-pulizija illi huwa kien ftiehem ma dawk it-tlett persuni li semma illi s-sinjal li hu kellu jghaddilhom sabiex ikunu jistghu jibdew il-hold up kien it-tieni darba illi Kenneth jidhol fil-Pisani Cold Stores u dan peress illi l-ewwel darba illi Kenneth kellu jidhol fil-Pisani Cold Stores kienet tkun biss id-‘dummy run’. L-imputat qal lill-pulizija illi biex jiehu sehmu mis-serqa hu kellu icempel lil Victor Calleja biex jiltaqa mieghu u dan jghaddilu sehmu. L-imputat qatt ma iddentifika liz-zewg persuni lill-pulizija peress illi skond hu dejjem rahom mghamda. L-imputat kien qal lill-pulizija illi kien iddispjacih hafna ta’ dak illi kien ghamel, kien qieghed jibza li ma kienx ser jara lit-tarbija tieghu ta’ erba’ snin u qal illi ghamel dak illi kien ghamel peress illi ried jixtri karozza.

Illi fuq talba tad-difiza l-Qorti hatret lil MaryAnne Zammit, probation officer biex taghmel ‘pre-sentencing inquiry report’ fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi.

Illi effettivament dan ir-rapport sar u minn dan ir-rapport irrizulta inter alia illi ghalkemm il-familja li fiha trabba l-imputat hija wahda generuza huwa trabba b’mod sew u l-

genituri tieghu dejjem ghinuh fil-hajja tieghu f'kull ma kellu bzonn u fil-prezent l-imputat ghandu relazzjoni ma mara u jidher li din ir-relazzjoni qeghda tirnexxi. Huma ilhom jghixu flimkien ghal madwar tnax il-sena u ghandhom tifla ta' seba' snin. Jirrizulta li l-imputat qieghed ihejji sabiex jizzewweg lis-siehba tieghu. L-imputat li ghandu fedina penali netta ilu jahdem minn mindu kellu sbatax il-sena u ma jirrizultax illi qatt kellu xi vizzju tad-droga jew inkella tal-alcohol.

Illi minkejja l-fatt illi l-imputat wettaq agir ta' natura gravi u serja jirrizulta illi l-imputat ma kienx il-mohh wara r-reat in kwistjoni. Il-mohh wara dan ir-reat kienet persuna ohra u l-uniku mod illi l-pulizija ghandha sabiex tressaq lil din il-persuna l-Qorti u tixxlija b'dawn ir-reati hija billi l-imputat odjern ikun jista jixhed f'dawn il-procedura, kif huwa ikun jista jaghmel una volta illi dawn il-proceduri jkunu konkluzi. L-imputat illum il-gurnata ghandu impjieg fis. Huwa ghaddej hajja stabbli u serja, izda ghandu ikun hemm element ta' kontroll dejjem prezenti sabiex jghin kemm lill-imputat kif ukoll lill-kommunita. Madanakollu anke kif issottometta l-istess Ufficjal Prosekutur piena karcerarja ma tkunx idonea ghall-akkadut u dana peress illi l-imputat mal-ewwel ammetta mal-pulizija l-involviment kollu tieghu f'dan ir-reat, semma ukoll il-persuna li kienet il-mohh wara dan ir-reat, ta d-dettalji kollha lill-pulizija u ikkopera ferm maghhom matul l-investigazzjoni.

Illi li kieku ma ghamilx dan il-pulizija qatt ma kienet ser tasal sabiex issib lill-persuna li fil-fatt kienet il-mohh wara dan ir-reat.

Illi irrizulta wkoll fatt ammess mill-istess ufficjal prosekutur illi l-imputat qatt ma ha sold mir-reati in kwistjoni u jidher illi l-flus kollha inzammu mill-persuna illi qieghed isir accenn ghaliha.

Illi l-imputat impenja ruhu b'verbal f'dawn il-proceduri illi huwa dispost illi jixhed f'kull proceduri kriminali illi ser jiehdu l-pulizija fil-futur kontra l-persuna indikata.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi kollha kif imsemmija aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikoli 21 u 28A tal-Kap. 9 filwaqt illi tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga intqal, ghall-prigunerija ta’ sentejn, tordna li din il-prigunerija ma ghandhiex tibda isehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ snin mil-lum l-imputat ma jikkommettix reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bil-konsegwenzi ta’ din is-sentenza skond l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk il-hati jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu ta’ prigunerija sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kap. 9 u inoltre qeghda taghmel ordni ta’ supervizzjoni li permezz tieghu qeghda tqieghed lil hati taht is-solverjanza ta’ l-Ufficjal tal-Sorverjanti illi ghandu jinhatar mid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effetti ta’ din l-ordni ta’ supervizzjoni.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din l-ordni ghandha tigi notifikata minnufih lill-ufficjal sorveljanti illi ghandu jinhatar mid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation.

Finalment il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tordna illi tkun imposta fuq il-hati interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli jservi bhala xhud hlief fil-Qrati tal-Gustizzja u din l-interdizzjoni ghandha tapplika wkoll sabiex timpedixxi lill-hati milli jagixxi bhala perit f’xi kawza. Din l-interdizzjoni ghandha tkun ghall-perjodu ta’ hames snin mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tal-armi kollha illi gew esebiti mill-pulizija f’dawn il-proceduri favur il-Gvern ta’ Malta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------